**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 4 ta' Gunju 2025**

**Kumpilazzjoni Numru: 382/2025**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Wayne Camilleri)**

**vs**

**Aaron Mizzi**
***Omissis***

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Aaron Mizzi iben Joseph u Rita nee Cassar, imwieled Pieta fis-27 ta' Mejju 1980, prezentament residenti gewwa fond numru 25, Almond Court, Penthouse 6, Triq il-Gdida Qormi u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 258980M u

*Omissis*

Akkuzat talli nhar l-14 ta' Gunju 2020 f'xi hinijiet wara d-disgha ta' fil-ghaxija (21:00hrs), minn gewwa Triq ic-Centru Ewkaristiku Marsa:

Lil Aaron Mizzi wahdu:

1. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat jiskorru l-ammont ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) li saret fuq il-vettura Toyota Vits [recte] b'registrazzjoni NAD183, ghad-dannu ta' Nadia Mizzi Cordina u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkawza lil haddiehor biza li se tintuza vjolenza kontriha u cioe lil Nadia Mizzi Cordina li tigi l-ex mara tieghu, jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1)

Lil *Omissis* wahdu:

1. talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, kien komplici ta' hsara volontarja, mobbli jew immobbli, liema hsarat jiskorru l-ammont ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500), li saret fuq il-vettura Toyota Vits [sic] b'registrazzjoni NAD 183, ghad-dannu ta' Nadia Mizzi Cordina u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, kien komplici li huh Aaron Mizzi ikkawza lil haddiehor biza li se tintuza vjolenza kontriha u cioe lil Nadia Mizzi Cordina li tigi l-ex mara tieghu, jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1)

3. u aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, kiser ordni ta' probation mahrug mill-Magistrat Dr. J. Demicoli LL.D fit-12 ta' Gunju 2019

4. u aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija li sar matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza mahruga minn Dr. J. Demicoli LL.D fit-12 ta' Gunju 2019

Il-Qorti giet mitluba, sabiex f'kaz ta' htija tqis lill-imputat Aaron Mizzi bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 50 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, tqis lill-*Omissis* bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta' htija tordna lill-imputati sabiex ihallsu lir-Registratur l-ispejjez kollha jew parti minnhom li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzati minhabba ragunijiet motivati bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta ta' Nadia Mizzi Cordina u/jew individwi ohra jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta

Fl-ahhar nett il-Qorti giet mitluba titratta dan il-kaz bhala wiehed ta' vjolenza domestika ai termini tal-Kap. 581 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja, u li rat li l-imputat Aaron Mizzi ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat li fis-seduta tat-28 t'April 2025 l-imputat Aaron Mizzi irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

4. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' disa' (9) snin prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

5. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

6. Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat Aaron Mizzi hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

8. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-fedina penali tal-imputat mhix wahda felici b'disa' (9) kundanni minn dawn il-Qrati, ghal assortiment ta' reati. Pero l-ahhar reat serju, u cioe dak ta' truffa gie kommess bejn Ottubru 2007 u Dicembru 2008, imbaghad ikkommetta kontravvenzjoni li kien fis-sakra f'post pubbliku fl-2016. Ghalhekk jidher li l-imputat dawn l-ahhar snin kien tbieghed mit-triq tal-kriminalita.

9. Mis-sottomissjonijiet orali jirrizulta li dan ir-reat gie kommess fil-kuntest ta' proceduri ta' separazzjoni tal-imputat minn martu Nadia Mizzi Cordina, li hija l-parti offiza f'dawn il-proceduri. Dan kien perjodu difficli ghalih, u kien qabad ukoll l-vizzju tal-abbuz tad-droga u alcohol. Pero illum il-gurnata l-imputat u martu waslu ghal ftehim fuq is-seperazzjoni taghhom, qed jiffinalizzaw l-kuntratt u jitkellmu b'mod civili ma' xulxin. L-imputat m'ghadux jabbuza mid-droga u qed jghix hajja stabbli, u ghalkemm jghix bir-*relief* jixtieq jindennizza lill-parti offiza d-danni li ikkagunalha fil-vettura.

10. Mis-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni jirrizulta wkoll li l-interess ewlieni tal-parti offiza f'dawn il-proceduri hija li tigi rizarcita d-danni li sofriet, li jammontaw ghas-somma ta' elfejn hames mija u hames Euro u erbatax-il centezmu (€2505.14)[1].

11. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti tqis li piena karcerarja effettiva mhix wahda idonea, u li hemm lok li jigi applikat l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali.

**Konkluzjoni**

12. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Wara li rat l-Artikoli 325(1)(a), 251(3), 251H(a), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

2. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati ghal piena karcerarja ta' sentejn (2), li tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Ai termini ta' l-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hati, ihallas is-somma ta' elfejn hames mija u hames Euro u erbatax-il centezmu (€2505.14) lill-parti offiza Nadia Mizzi Cordina, fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, rapprezentanti d-danni kagunati minnu lill-parti offiza.

5. Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' tlett mija u erbatax-il Euro u sebgha u disghin centezmu (€314.97) li ghandhom jithallsu fi zmien disa' (9) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt,

[1] Ara fol. 43 tal-process.

l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

13. Ai termini ta' l-Artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv, u/jew jekk jonqos li jhallas lill-parti offiza l-ammont fuq preskritt fiz-zmien stipulat hawn fuq.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**